**QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMHALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel., Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum 5 ta’ Lulju, 2017

Rikors Kongunt Nru : 169/17AL

**AB**

**U**

**CB**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors kongunt illi gie ikkonfermat bil-gurament miz-zewg rikorrenti, li permezz tieghu ppremettew :

Illi huma zzewgu fit-tlieta u ghoxrin (23) ta’ Settembru tas-sena elf disa’ mija tnejn u disghin (1992) f’ York, l’Ingilterra, u minn dan iz-zwieg huma kellhom tifla wahda li llum hija tal-eta maggoreni [tnejn u ghoxrin (22) sena] u ma tattendiex taghlim full-time, u ghalhekk ma hu dovut l-ebda manteniment fil-konfront taghha.

Illi l-partijiet sseparaw legalment permezz ta’ kuntratt ta’ separazzjoni datat l-erba’ (4) ta’ Ottubru elfejn u hdax (2011), u dan kif jidher mil-kuntratt hawn anness u mmarkat bhala ‘Dok A’. Huma jiddikjaraw li minn dan iz-zmien, qatt ma regghu ghexu flimkien. Jinghad ghalhekk illi huma separati u ilhom ma jghixux flimkien ghal-perjodu ta’ aktar minn erba’ (4) snin, u dan kif indikat mil-ligi ai termini tal-Artikolu 66B (1).

Illi ma tezisti l-ebda possibilita ta’ rikonciljazzjoni bejn il-partijiet.

Illi CB tiddikjara li hija residenti hawn Malta, u li ilha hekk residenti sa mis-sena elfejn u hamsa (2005) waqt illi AB huwa residenti l-Italja.

Illi jezistu ghalhekk ir-rekwiziti rikjesti mill-ligi, sabiex iz-zwieg taghhom jigi mahlul.

Talbu lil din il-Qorti sabiex :

TIDDIKJARA l-hall taz-zwieg bejn il-kontendi, liema zwieg gie ccelebrat fit-tlieta u ghoxrin (23) ta’ Settembru tas-sena elf disa’ mija tnejn u disghin (1992).

TORDNA lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien imholli ghal daqshekk mill-istess Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.

Rat id-dokumenti kollha li gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tat-12 ta’ Mejju, 2017;

Rat illi ir-rikorrenti AB talbet illi izomm kunjomha mizzewweg u ghalhekk il-Qorti qeghda tilqa’ din it-talba;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi il-Qorti rat illi ir-rikorrenti irnexxielhom jissodisfaw ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ippruvaw illi ilhom legalment separati mill-4 ta’ Ottubru 2011;

Illi l-Qorti rat illi r-rikorrenti ippruvaw ukoll illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta’ rikonciljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta’ hlas ta’ manteniment;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet  fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa’ t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.